# Il-Kontijiet Mhux Finanzjarji Annwali bis-Setturi Istituzzjonali: 1995-2023

NR 198/2024 Data tal-Ħruġ: 23 ta' Ottubru 2024 Data tal-Għeluq: 30 ta' Settembru 2024

*Stimi proviżorji jindikaw li s-self nett tal-ekonomija nazzjonali meta mqabbel mal-bqija tad-dinja kien ta' €1,235 miljun fl-2023. It-tkabbir tal-ekonomija kien ġej l-aktar mis-settur tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji, li l-valur miżjud tiegħu żdied b'10.1 fil-mija, u kkontribwixxa 6.6 punti perċentwali għaż-żieda rreġistrata fl-2023. Ir-rata ta' tfaddil tal-households hija stmata għal 11.9 fil-mija tad-dħul disponibbli gross tagħhom fl-2023.*



Is-serje tal-kontijiet nazzjonali settorjali murija hawnhekk tagħti perspettiva ġdida dwar l-istruttura tal-ekonomija Maltija. Din l-istqarrija hija l-ewwel waħda fis-serje u turi s-sekwenza sħiħa tal-kontijiet mhux finanzjarji mill-1995 sal-2023. Is-serje f'din l-istqarrija hija konsistenti mal-kontijiet nazzjonali aggregati ewlenin kif maħruġa fit-28 ta' Awwissu 2024 u l-istatistika tal-finanzi tal-gvern kif maħruġa fit-22 ta' Ottubru 2024.

Il-kontijiet settorjali mhux finanzjarji jiddeskrivu r-riżultati miksuba minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji (S11) u korporazzjonijiet finanzjarji (S12), il-gvern ġenerali (S13), l-unitajiet domestiċi (households) (S14), u istituzzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li jservu lill-unitajiet domestiċi (S15) fil-fażijiet differenti tal-proċess ekonomiku. Il-metodologija tibda mill-ġenerazzjoni tad-dħul tal-operaturi residenti li jirriżulta direttament mill-proċess tal-produzzjoni u d-distribuzzjoni tiegħu bejn il-fatturi tal-produzzjoni (ix-xogħol, il-kapital) u l-amministrazzjoni pubblika (bit-taxxi fuq il-produzzjoni u l-importazzjoni, u s-sussidji). Dan jippermetti li jiġi ddeterminat il-qligħ mill-operat (jew id-dħul imħallat fil-każ tal-unitajiet domestiċi) u d-dħul primarju. Imbagħad nippreżentaw l-effetti maħluqa mill-miżuri ridistributtivi mdaħħlin fis-seħħ mis-settur pubbliku u minn setturi privati oħra (residenti jew le), u b'hekk jirnexxielna nkejlu r-riżorsi li l-operaturi ekonomiċi għandhom disponibbli għall-konsum jew l-investiment tagħhom f'assi tanġibbli u/jew finanzjarji bit-tfaddil.

Jekk it-tfaddil ma jkunx biżżejjed biex jagħmel tajjeb għall-investiment, jinħoloq id-dejn permezz ta' finanzjament estern. Għall-kuntrarju, surplus ta' riżorsi disponibbli meta mqabbel mal-ħtiġijiet ta' nfiq jindika kapaċità ta' finanzjament. Ċart nru 1 tagħti ħarsa ġenerali lejn is-self nett u s-self mill-oqsma istituzzjonali mill-1995.

## Ċart nru 1. Is-self (+) / id-dejn nett (-) tal-ekonomija nazzjonali, bis-settur istituzzjonali




**Il-Kontijiet Mhux Finanzjarji Annwali bis-Setturi Istituzzjonali 2023**

Fl-2023, l-ekonomija nazzjonali rreġistrat self nett ta' €1,235 miljun meta mqabbla mal-bqija tad-dinja, li jirrappreżenta 6.0 fil-mija tal-PDG tal-perjodu msemmi. Dan huwa titjib meta mqabbel mal-2022, meta l-ekonomija rreġistrat self nett ta' €102 miljuni (-0.6 fil-mija tal-PDG).

Din iż-żieda hi riżultat ta' bilanċ ogħla ta' kummerċ barrani fi prodotti u servizzi (€3,733 miljun, meta mqabbel ma' €2,458 miljun fl-2022). B'żieda ta' €5 miljuni, l-evoluzzjoni tat-tranżazzjonijiet tad-dħul primarju u sekondarju kellha impatt ferm iżgħar fuq il-bilanċ tal-kont kurrenti. Barra minn hekk, il-bilanċ tat-trasferimenti kapitali kien ta' €230 miljun, meta mqabbel ma' €182 miljun fl-2022 (Tabella nru 1).

Rappreżentazzjoni aktar dettaljata tal-ekonomija nazzjonali qiegħda f'Tabella nru 3, filwaqt li t-tqassim dettaljat tal-bqija tad-dinja qiegħed f'Tabella nru 10.

Iż-żieda fis-self nett tista' tiġi attribwita prinċipalment lill-korporazzjonijiet mhux finanzjarji li kellhom bilanċ nett ogħla ta' dħul mill-proprjetà u fit-tranżazzjonijiet tad-dħul sekondarju (dħul disponibbli, gross) ta' €208 miljuni u tnaqqis fil-formazzjoni ta' kapital gross ta' €779 miljun, li wassal għal żieda sinifikanti fis-self nett (Tabella nru 2).

Tabella nru 2 turi l-kontribut ta' kull settur istituzzjonali għas-self nett tal-ekonomija nazzjonali muri f'Tabella nru 1.

**Is-saħħa tat-tkabbir ekonomiku**

Fl-2023, il-valur miżjud bil-prezzijiet kurrenti ġġenerat mill-ekonomija nazzjonali (stmat bil-prezzijiet bażiċi) wera tkabbir ta' 13.4 fil-mija meta mqabbel mas-sena ta' qabel.

Kien irreġistrat ċaqliq pożittiv fl-oqsma istituzzjonali kollha. B'mod partikolari, it-tkabbir fl-ekonomija kien ġej l-aktar mis-settur tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji, li l-valur miżjud tiegħu żdied b'10.1 fil-mija (+12.0 fil-mija fl-2022), u kkontribwixxa 6.6 punti perċentwali għaż-żieda rreġistrata fl-2023. Il-valur miżjud tal-korporazzjonijiet finanzjarji żdied b'29.3 fil-mija (+4.8 fil-mija fl-2022), u kkontribwixxa 2.3 punti perċentwali għaż żieda fl-2023. Wara perjodu twil ta' rati ta' imgħax baxxi fiż-żona tal-ewro, il-Bank Ċentrali Ewropew beda jżid ir-rata tiegħu f'Lulju 2022. Dan kellu impatt dirett fuq l-istimi tal-produzzjoni ta' servizzi ta' intermedjazzjoni finanzjarja mkejla indirettament (FISIM) tal-korporazzjonijiet finanzjarji, li żdied b'mod qawwi mit-tielet kwart tal-2022 u laħaq il-quċċata fl-2023. Il-FISIM huwa kontributur ewlieni għall-valur miżjud u l-qligħ operattiv gross tal-korporazzjonijiet finanzjarji.

L-unitajiet domestiċi, li jinkludi intrapriżi mhux inkorporati u ħaddiema li jaħdmu għal rashom, irreġistraw tkabbir ta' €611-il miljun jew 28.0 fil-mija (+11.3 fil-mija fl-2022) fil-valur miżjud, li ssarraf f'kontribuzzjoni ta' 3.6 punti perċentwali għat-tkabbir ġenerali tal-2023. Din iż-żieda ġejja l-aktar mit-tnaqqis ta' €208 miljuni fil-konsum intermedju relatat mal-FISIM tas-sidien tad-djar fl-2023.

Fl-aħħar nett, il-valur miżjud iġġenerat mill-attività tal-gvern ġenerali żdied b'6.6 fil-mija meta mqabbel mas-sena ta' qabel (+5.0 fil-mija fl-2022).

## Ċart nru 2. It-tkabbir fil-valur miżjud gross tal-ekonomija nazzjonali (S.1) u l-kontribut għat-tkabbir, bis-settur istituzzjonali




**Il-korporazzjonijiet mhux finanzjarji**

Il-valur miżjud gross iġġenerat minn korporazzjonijiet mhux finanzjarji żdied b'10.1 fil-mija fl-2023 meta mqabbel mal-2022 u l-qligħ operattiv gross b'9.6 fil-mija. Is-sehem tal-qligħ operattiv gross tas-settur fil-valur miżjud tiegħu kien ta' 61.4 fil-mija, kważi daqs is-sena ta' qabel. Is-sehem tas-settur fil-kumpens għall-impjegati fl-ekonomija kien ta' 61.2 fil-mija.

Jekk inżidu l-bilanċ nett mid-dħul (interessi, dividends, eċċ.) mal-qligħ operattiv gross tas-settur, naslu għall-bilanċ tad-dħul primarju gross, li żdied b'4.3 fil-mija fuq is-sena ta' qabel.

B'konsegwenza ta' dan, u l-evoluzzjoni tat-tranżazzjonijiet fil-kont tad-distribuzzjoni tad-dħul sekondarju (taxxi korporattivi, kontribuzzjonijiet u benefiċċji soċjali u trasferimenti kurrenti oħra), id-dħul disponibbli tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji żdied b'5.8 fil-mija.

Bħal fis-snin ta' qabel, dan id-dħul disponibbli, flimkien mal-bilanċ tat-trasferiment tal-kapital, kien biżżejjed biex jiffinanzja l-investiment (Tabella nru 4).

Min-naħa l-oħra, ir-rata ta' investiment tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji kienet ta' 16.7 fil-mija tal-valur miżjud gross tagħhom, 8.8 punti inqas mis-sena ta' qabel. Il-proporzjon ta' awtoinvestiment tal-korporazzjonijiet mhux finanzjarji, li jinkiseb billi jittieħed it-tfaddil gross tas-settur u jiġi diviż bil-formazzjoni tal-kapital fiss gross tagħhom kien ta' 2.0 fl-2023, meta mqabbel mal-medja ta' 1.4 fil-ħames snin ta' qabel (Tabella nru 11).

B'riżultat ta' dan, huwa stmat self nett ta' €1,768 miljun għas-settur, meta mqabbel ma' €674 miljun fl-2022 (Tabella nru 4).

## Ċart nru 3. Il-qligħ operattiv gross u l-investiment mill-korporazzjonijiet mhux finanzjarji

Il-persentaġġ fuq il-Valur Miżjud Gross




**Il-korporazzjonijiet finanzjarji**

Il-valur miżjud gross tal-korporazzjonijiet finanzjarji żdied b'29.3 fil-mija fl-2023 meta mqabbel mas-sena ta' qabel. Il-qligħ operattiv gross tas-settur żdied b'46.1 fil-mija. Is-sehem tas-settur għall-kumpens tal-impjegati fl-ekonomija kien ta' 9.9 fil-mija.

Dan, flimkien ma' bilanċ nett aktar baxx tad-dħul mill-proprjetà (interessi, dividendi, eċċ.) li rċieva s-settur, wassal biex il-bilanċ tad-dħul primarju żdied b'59.6 fil-mija.

Jekk nikkunsidraw ukoll it-tranżazzjonijiet fil-kont tad-distribuzzjoni tad-dħul sekondarju (taxxa tad-dħul korporattiva, kontribuzzjonijiet u benefiċċji tas-sigurtà soċjali u trasferimenti kurrenti oħra), id-dħul gross disponibbli tas-settur kien stmat għal €146 miljun.

Il-formazzjoni ta' kapital gross minn korporazzjonijiet finanzjarji kienet tammonta għal €379 miljun, żieda meta mqabbla mas-sena ta' qabel li kienet stmata għal €349 miljun.

B'dan, u meta wieħed iqis il-bilanċ tat-trasferimenti kapitali, is-settur iġġenera self nett ta' €311-il miljun, meta mqabbel ma' €501 miljun fl-2022 (Tabella nru 5).

**Il-Gvern Ġenerali**

Fl-2023, il-valur miżjud gross tal-gvern ġenerali żdied b'6.6 fil-mija meta mqabbel mas-sena ta' qabel. Is-sehem tas-settur għall-kumpens tal-impjegati fl-ekonomija kien ta' 24.2 fil-mija.

Id-dħul disponibbli gross għall-gvern ġenerali laħaq it-€3,292 miljun fl-2023, 19.7 fil-mija aktar mis-sena ta' qabel.

In-nefqa finali fuq il-konsum żdiedet b'7.8 fil-mija, sa €3,422 miljun. B'dan, it-tfaddil gross tas-settur ammonta għal -€129 miljun, u rreġistra titjib meta mqabbel mas-sena ta' qabel li kien ta' -€424 miljun.

L-investiment mis-settur tal-gvern ġenerali kien stmat għal €709 miljuni, b'żieda ta' 21.3 fil-mija meta mqabbel mas-sena ta' qabel. It-tfaddil u l-investiment fis-settur, flimkien mal-bilanċ tat-trasferimenti kapitali, wasslu biex is-settur jiġġenera self nett ta' €939 miljun, titjib meta mqabbel mas-self nett ta' €954 miljun fl-2022 (Tabella nru 6).

## Ċart nru 4. It-tfaddil, u s-self u d-dejn nett tal-Gvern Ġenerali




**L-unitajiet domestiċi (Households)**

L-unitajiet domestiċi jinkludu individwi jew gruppi ta' individwi li l-funzjoni ewliena tagħhom hija l-konsum, u li jipproduċu oġġetti u servizzi mhux finanzjarji għall-użu finali tagħhom biss. L-użu finali proprju huwa marbut ma' servizzi relatati mad-djar okkupati mis-sidien u servizzi domestiċi magħmula minn impjegati mħallsa. Is-settur tal-unitajiet domestiċi jinkludi wkoll sidien li jaħdmu għal rashom u sħubijiet mingħajr status legali, minbarra dawk ittrattati bħala kważi korporazzjonijiet, u li huma produtturi tas-suq.

Il-valur miżjud gross iġġenerat mill-unitajiet domestiċi żdied bi 28.0 fil-mija fl-2023 meta mqabbel mas-sena ta' qabel. Minħabba l-impatt tal-FISIM, il-valur miżjud tad-djar okkupati mis-sidien żdied bi 92.8 fil-mija. Min-naħa l-oħra, it-tkabbir iġġenerat minn intrapriżi mhux inkorporati kien ta' 16.2 fil-mija. Bl-istess mod, il-qligħ tal-operat żdied bi 92.8 fil-mija, filwaqt li d-dħul imħallat li jirrappreżenta d-dħul ta' min jaħdem għal rasu żdied b'14.2 fil-mija. Is-sehem tas-settur għall-kumpens tal-impjegati fl-ekonomija kien ta' 4.5 fil-mija.

Meta wieħed iqis iż-żieda fil-kumpens riċevibbli mill-impjegati (+8.4 fil-mija) u l-evoluzzjoni tal-bilanċ nett tad-dħul mill-(interessi, dividendi, eċċ.) li jirċievi s-settur, kienet irreġistrata żieda ta' 15.5 fil-mija fil-bilanċ gross tad-dħul primarju (Tabella nru 7).

Bl-istess mod, jekk wieħed iqis l-impatt totali fuq it-tranżazzjonijiet tad-distribuzzjoni tad-dħul sekondarju (it-taxxa fuq id-dħul u l-ġid, il-kontribuzzjonijiet soċjali u l-benefiċċji soċjali u trasferimenti kurrenti oħra), fl-2023 id-dħul disponibbli gross tal-households kiber b'16.0 fil-mija, għal €10,431 miljun. In-nefqa tal-konsum finali tal-households kienet stmata għal €9,199 miljun, żieda ta' 18.3 fil-mija meta mqabbla mas-sena ta' qabel. B'riżultat ta' dan, it-tfaddil fis-settur ammonta għal €1,238 miljun (€1,222 miljun fl-2022) (Tabella nru 7). Ir-rata ta' tfaddil tal-households kienet ta' 11.9 fil-mija (Tabella nru 11) tad-dħul disponibbli gross, meta mqabbla ma' 13.6 fil-mija fis-sena ta' qabel. It-tfaddil fl-2020 u fl-2021 kien ogħla minħabba tnaqqis fin-nefqa tal-konsum finali tal-households matul il-pandemija. Id-dħul disponibbli gross tal-households ras għal ras żdied bi 11.4 fil-mija fl-2023, meta mqabbel ma' 4.6 fil-mija fl-2022 bil-prezzijiet kurrenti. Min-naħa l-oħra, d-dħul disponibbli gross reali tal-households għal kull ras żdied b'5.0 fil-mija fl-2023 meta mqabbel mat-tnaqqis ta' 0.7 fil-mija fl-2022 (Tabella nru 11).

L-investiment tal-unitajiet domestiċi laħaq id-€905 miljuni fl-2023 meta mqabbel mat-€837 miljun fis-sena ta' qabel. Min-naħa tagħha, ir-rata tal-investiment tal-unitajiet domestiċi, kienet ta' 8.7 fil-mija tad-dħul disponibbli gross tagħhom, 0.6 punti perċentwali inqas mis-sena ta' qabel.

Wara li kien ikkunsidrat il-bilanċ tat-trasferimenti kapitali fis-settur, l-unitajiet domestiċi rreġistraw self nett ta' €747 miljun meta mqabblin mas-€694 miljun stmati fl-2022 (Tabella nru 7).

## Ċart nru 5. It-tfaddil tal-households, gross

Il-persentaġġ fuq id-dħul disponibbli gross




**Istituzzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ li jservu lill-unitajiet domestiċi (NPISH)**

Il-valur miżjud gross iġġenerat mis-settur tal-NPISH żdied b'4.0 fil-mija fl-2023 meta mqabbel mas-sena ta' qabel.

Id-dħul gross disponibbli laħaq €241 miljun fl-2023, 2.7 fil-mija aktar mis-sena ta' qabel.

In-nefqa finali fuq il-konsum żdiedet bi 8.5 fil-mija, sa €259 miljun. B'dan, it-tfaddil gross tas-settur niżel għal -€18-il miljun.

L-investiment mill-NPISH ammonta għal €13-il miljun, żieda meta mqabbel mas-sena ta' qabel. B'dan, u ladarba jitqies il-bilanċ tat-trasferimenti kapitali, is-settur iġġenera self nett ta' €29 miljun, meta mqabbel mal-€15-il miljun tal-2022 (Tabella nru 8).

Lascaris
Il-Belt Valletta VLT 2000
Malta
+356 25997000

© 2023 Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika